Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2025/2156(DEC)

24.11.2025

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 – l-Aġenziji
(2025/2156(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Raquel García Hermida-Van Der Walle

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija wieħed mill-valuri fundaturi tal-Unjoni u l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza fl-attivitajiet kollha tagħha kif minqux fl-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'hekk tistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

B. billi l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2024 juri li l-Istati Membri għamlu progress limitat, b'żieda ta' 0,8 biss; billi f'oqsma oħra bħas-saħħa tan-nisa, il-progress staġna;

C. billi l-inflazzjoni poġġiet pressjoni dejjem akbar fuq il-baġit tal-EIGE, u naqqset il-kapaċità operazzjonali tal-EIGE, li wassal biex l-aġenzija ma jkollhiex biżżejjed persunal u tkun taħt pressjoni finanzjarja permanenti;

1. Ifakkar li l-EIGE ġie stabbilit biex jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni u jsaħħaħha permezz ta' riċerka indipendenti u ta' kwalità u data komparabbli, biex jgħin lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha u jiġġieldu d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru;

2. Itenni t-talba tal-Parlament għal aktar finanzjament u persunal għall-EIGE, f'konformità mat-talbiet dejjem jiżdiedu għal assistenza teknika u spejjeż operazzjonali oħla;

3. Jinnota l-eżekuzzjoni kontinwa tal-baġit tal-EIGE ta' 95 % tal-programm ta' ħidma tiegħu u l-ilħuq tal-miri fid-dokument ta' programmazzjoni emendat 2024-2026, minkejja nuqqas ta' persunal u riporti għoljin, u li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkonfermat li l-kontijiet tiegħu jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu.